# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-24 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026 fis-7:15 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Skużati** :

| | |
|---|---|
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**24.01 Talba**

24.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

Hija skużat ruħha li l-laqgħa bdiet aktar tard mill-ħin skedat, minħabba li l-laqgħa pubblika li saret qabel, ħadet aktar fit-tul milli kien previst.

**24.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

24.02.01 Is-Sindku qalet li l-Viċi Sindku infurmana li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji personali.

**24.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 23**

24.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 23 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Ghigo ssekonda.

**24.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.04.01 Is-Sindku nfurmat li ser isiru żewġ *press conferences*. Ikkonfermat li l-konferenza dwar l-iffirmar tad-devoluzzjoni tal-latrina pubblika baqgħet skedata għall-1 ta' April 2026 fis-1:00pm, filwaqt li fit-13 ta' April 2026 fl-10:00am ser issir konferenza oħra biex titħabbar l-attività kulturali "Stilel Taħt il-Kampnar". Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.02 Is-Sindku nfurmat li x-xogħlijiet imwettqa minn Infrastruttura Malta (IM) fi Triq il-Lanġasa u fl-isqaqien ġew konklużi, inkluż it-tindif tat-taraġ tax-xelter li nstab fl-istess triq. Hija żiedet li dan ix-xogħol sar bil-koordinazzjoni u l-moniteraġġ tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali (*SCH*), filwaqt li l-kuntrattur ser jingħata gwida dwar kif u fejn għandu jsir l-għeluq fir-rigward tal-aċċess għal dan ix-xelter. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.03 Is-Sindku qalet li kkomunikat mal-kuntrattur li abbażi ta' kwotazzjoni ingħata *works order* mill-Kunsill għal *patching works* fi Triq Ħal Kirkop u fi Triq tas-Sejba, fejn talbitu jikkonferma meta se jitwettqu x-xogħlijiet mitluba. F'każ li ma jkunx jista' jaħdem, talbitu jinforma lill-Kunsill minnufih, peress li x-xogħol huwa urġenti minħabba li l-ħofor fit-toroq żdiedu u kibru wara l-maltemp riċenti. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.04 Is-Sindku infurmat li rċevejna risposta mingħand Transport Malta dwar il-marki tat-triq fi Triq San Innoċenzju, fejn, minkejja li ma sarx *site inspection*, ingħatat gwida li linji sofor temporanji marbuta ma' permessi li għalihom ix-xogħol tlesta jistgħu jitneħħew. Għaldaqstant, fost oħrajn, se titneħħa ż-*zebra crossing* safra marbuta ma' permess fejn tlesta x-xogħol, filwaqt li rigward il-*parking bay* safra quddiem *garage* fl-istess triq, li skont spezzjoni tal-pulizija l-*garage* qed jintuża bħala *store*, il-*bay* inbidlet għal waħda bajda. Ġie maqbul li, meta sid il-*garage* jinforma lill-Kunsill li l-użu sar bħala *garage* u dan jiġi kkonfermat permezz ta' spezzjoni oħra mill-pulizija u titwaħħal l-*isticker "Garage In Use No Parking"*, il-*bay* terġa' tinbidel għal safra. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.05 Is-Sindku infurmat li, wara komunikazzjoni mal-Pulizija tal-Komunità dwar biċċa art abbandunata fi Triq Santa Katerina li kienet fi stat ħażin b'ħaxix selvaġġ, ħmieġ u ġrieden, il-Pulizija kkuntattjaw lis-sid, li sussegwentement naddaf il-plot. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.06 Is-Sindku avżat li l-*Afternoon Tea,* hu ppjanat li jsir nhar il-Ħadd 12 ta' April 2026 fis-2:00pm, suġġett għall-approvazzjoni tal-użu tas-sala mill-Kulleġġ San Benedittu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.07 Is-Sindku nfurmat li t-*tender* relatat mal-Latrina Pubblika fi Triq Karmenu Ciantar, kantuniera ma' Triq id-9 t'April 1942, ġie ppubblikat. Hija spjegat li issa jrid jgħaddi l-proċess kollu tat-*tendering* sakemm eventwalment it-*tender* jiġi aġġudikat, u sussegwentement ikun jista' jibda x-xogħol relatat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.08 Is-Sindku rreferiet għal punt imqajjem qabel il-laqgħa waqt il-laqgħa annwali tal-lokalità, fejn residenti talbu s-sapport tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni PA 7364/25, minħabba li l-iżvilupp propost se jbiddel il-karattru tradizzjonali tal-bini u se jaffettwa b'mod negattiv id-dehra fl-inħawi ta' Triq Mikelanġ Sapiano, kif ukoll jista' joħloq preċedent għal aktar żvilupp. Ir-residenti rrimarkaw ukoll li l-avviż tal-permess kien espost għal ġurnata jew tnejn biss u għalhekk ma kienx hemm opportunità adegwata għall-oġġezzjonijiet. Is-Sindku infurmat li l-perjodu għar-rappreżentazzjonijiet għalaq fl-20 ta' Marzu 2026, filwaqt li fakkret li l-Kunsill kien konxju ta' din l-applikazzjoni peress li kienet inkluża f'waħda mil-listi ppreżentata mis-S.E., f'kull laqgħa tal-Kunsill, fejn kien iddeċieda li ma jressaq l-ebda oġġezzjoni għaliex ma kien hemm xejn fuq xhix wieħed joħloq argument illi s-sit imsemmi m'għandux jiġi żviluppat. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu li għandha titressaq *late representation* min-naħa tal-Kunsill.

24.04.09 Is-Sindku tkellmet dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq Mons. Alfons Caruana u fi Triq il-Franka minn IM, fejn infurmat li, fin-nuqqas ta' ftehim dwar l-espropjazzjoni fi Triq il-Franka, ix-xogħlijiet se jkomplu sal-linja tal-Gvern. Żiedet li kienet f'kuntatt mal-Perit responsabbli sabiex, b'kollaborazzjoni mal-Enemalta, jitneħħew l-arbli tad-dawl temporanji minn Triq il-Franka. Is-S.E. se tibgħat sabiex isir ukoll ix-*shifting* ta' lampa tat-triq fuq wieħed mill-arblu temporanji, wara li, waqt il-laqgħa annwali tal-lokalità, resident fil-binja kkonċernata ddikjara li m'għandux oġġezzjoni sabiex il-lampa tiġi installata fuq il-faċċata tal-proprjetà tiegħu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.10 Is-Sindku nfurmat li għadna f'kuntatt mal-*Ombudsman* dwar il-każ tal-bankina fi Triq Valletta, li min-naħa tagħhom irreferew għall-*Planning Authority* minħabba l-*building line*. Fuq parir legali u tal-Ombudsman, is-S.E. marret l-Għassa tirrapporta l-każ, iżda ġiet infurmata mis-Surġent li, fin-nuqqas

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**


ta' reat, ma setax jittieħed rapport. Ġie ssuġġerit li l-Kunsill jitlob kjarifika lill-*Planning Authority* dwar il-*building line* biex jiġi determinat x'inhu privat u x'inhu pubbliku, u li, f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni mis-sid, tkun tista' tintervjeni l-pulizija. Is-Sindku semmiet ukoll l-anomalija peress li l-isqaq kien inkesa bit-tarmak, u li minkejja allegazzjonijiet tas-sid li s-sit huwa privat, ma hemm l-ebda indikazzjoni li tikkonferma dan, peress li l-bankina u l-isqaq huma aċċessibbli għall-pubbliku. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.04.11 Għal finijiet ta' dokumentazzjoni, is-Sindku semmiet li fl-20 ta' Marzu 2026, fi proprjetà privata fi Triq il-Parroċċa, l-Imqabba, instabet *hand grenade* minn żmien il-gwerra. Hija spjegat li l-każ kien delikat u mhux faċli, fejn kienet preżenti fil-viċinanzi u f'kuntatt mal-Maġġur u mat-tim kollu involut fit-tneħħija tal-bomba. F'isem il-Kunsill, hija esprimiet ir-ringrazzjament tagħha lill-Pulizija, lis-Surġent Borg, lill-Maġġur Farrugia, lit-Tim Mediku, u lill-Protezzjoni Ċivili għall-ħidma tagħhom u li għall-grazzja t'Alla ma weġġa' ħadd. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**24.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

24.05.01 Il-Kunsillier Galea staqsa x'sar dwar iż-*zebra crossing* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-Sindku flimkien mas-S.E., infurmawh li ntbagħtet ordni ta' xogħol lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex iż-*zebra crossing* tinżebaħ mill-ġdid, bħala parti mill-miżuri ta' sigurtà relatati mal-ġnien biswit, Ġnien tal-Mentna. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.05.02 Il-Kunsillier Galea rrefera għal-lampi tat-triq bil-ħsara fl-inħawi tal-Mentna u informa li, skont l-Enemalta, waħda minnhom ġiet imsewwija. Madankollu, il-lampa fir-*roundabout* għadha mitfija; u s-Sindku spjegat li hemm problema fid-*demarcation box* ta' din il-lampa u li l-kuntrattur ġie infurmat sabiex jirranġaha, biex imbagħad il-każ jerġa' jiġi mgħoddi lill-Enemalta. Il-Kunsillier Galea rrapporta wkoll lampa oħra mitfija viċin iż-*zebra crossing* biswit il-Ġnien tal-Mentna. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.05.03 Il-Kunsillier Galea talab konferma dwar jekk biswit is-siġra taż-żebbuġ fil-Pjazza tal-Knisja qatt kienx hemm spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità, u fin-nuqqas ta' dan, staqsa dwar il-possibbiltà li jiġi allokat tali spazju, peress li fil-Pjazza ma hemmx. Is-Sindku infurmat li fil-Pjazza diġà jeżisti spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità, in-naħa tal-Każin ta' Santa Marija, u kkonfermat li biswit iż-żebbuġa qatt ma kien hemm spazju simili. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.05.04 Il-Kunsillier Galea rrimarka li, f'laqgħa preċedenti mal-*Public Works*, dwar il-pavimentar tal-Pjazza, kien ġie indikat li kellu jsir test fuq parti minnha biex jiġi vverifikat il-materjal li se jintuża, iżda minflok inqalgħet il-pjazza kollha u għalhekk ma jistax jiġi evalwat jekk it-taħlita hijiex adegwata. Huwa żied li l-fili, li suppost kellhom jitwessgħu, jidher li reġgħu saru dojoq. Huwa esprima wkoll tħassib dwar ir-ritmu tax-xogħol u t-tlestija tiegħu sal-aħħar ta' April 2026, filwaqt li nnota li nbidel anke l-kuntrattur. Is-Sindku spjegat li, skont il-Perit tal-*Public Works*, kien meħtieġ li tinqala' l-pjazza kollha minħabba nuqqas ta' materjal li nstab taħt il-madum, u li ġie kkonsultat ukoll l-eks Kunsillier Michel Farrugia dwar it-teknika li issa qed tintuża. Hija żiedet li ġiet assigurata li x-xogħol kif qed isir, se jservi iktar u li l-fili ġew imħaxxna. Is-Sindku infurmat li hi kkomunikat mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia dwar l-iskadenza tax-xogħol fid-dawl tal-attivitajiet ippjanati ('Stilel Taħt il-Kampnar' u l-'5K Marathon') fil-bidu ta' Mejju 2026, fejn ingħatat assigurazzjoni li x-xogħol se jitlesta qabel. Hija fakkret li kienet bagħtet komunikazzjoni uffiċjali lill-*Public Works* li x-xogħol ma jistax jittardja aktar mill-aħħar ta' April 2026. Il-Kunsillieri preżenti qablu mat-talba tal-Kunsillier Galea biex tintalab laqgħa oħra mad-Direttur Ġenerali tal-*Public Works*, għal aġġornament dwar il-progress tal-Pjazza.

24.05.05 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-kamra kkundannata fi Triq iż-Żurrieq. Is-S.E. infurmat li, skont informazzjoni mogħtija mill-Pulizija, ġew identifikati s-sidien tal-proprjetà, li jidher li huma diversi, u li dawn ġew avżati dwar il-periklu sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jindirizzaw il-ħsarat eżistenti. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**24.06 / 24.07 Skemi ta' Finanzjament 2026 (L-Ewwel u t-Tieni Parti): SPI.SCI.01.2026 / SPI.SCI.02.2026 / SPI.SCI.03.2026 / SPI.SCI.04.2026 / SPI.SCI.05.2026 / SPI.SCI.06.2026**

24.06 /07.01 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva d-dokumentazzjoni relatata mal-iskemi ta' finanzjament imħabbra aktar kmieni din is-sena. Il-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu li bħala Kunsill jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għall-iskemi li ġejjin:

- SPI.SCI.02.2026 – Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026;
- SPI.SCI.03.2026 – Attivitajiet Milied 2026;
- SPI.SCI.04.2026 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri;
- SPI.SCI.05.2026 – Komunitajiet Aktar B'saħħithom u ta' Kwalità; u
- SPI.SCI.06.2026 – Karnival 2027.

Fir-rigward tal-iskema SPI.SCI.02.2026, ġie maqbul li l-applikazzjoni terġa' ssir b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent, filwaqt li l-Kunsill ser jiddiskuti s-sit addattat għat-tindif. Għall-iskema SPI.SCI.03.2026, ġie deċiż li tiġi organizzata edizzjoni oħra tal-Mixegħla tal-Pjazza, kif sar fis-sena preċedenti. Fir-rigward tal-iskemi SPI.SCI.04.2026 u SPI.SCI.05.2026, il-Kunsill ser jiddetermina aktar 'il quddiem il-proġetti eliġibbli. Dwar SPI.SCI.06.2026, ġie maqbul li tiġi organizzata attività oħra tal-Karnival. Ġie approvat ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li ma jkunux koperti minn dawn l-iskemi.

**24.08 Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

24.08.01 Is-Sindku, irreferiet għal-laqgħa annwali tal-lokalità li saret qabel din il-laqgħa fejn qalet li l-attendenza kienet waħda tajba ħafna meta mqabbla ma' snin preċedenti. Wara li ngħata rendikont tal-ħidma mwettqa matul is-sena li għaddiet u tal-pjanijiet għas-sena kurrenti, il-Kunsillieri semgħu l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti preżenti. Ġie espress it-tama li livell simili ta' parteċipazzjoni jinżamm fis-snin li ġejjin, filwaqt li ġie enfasizzat li huwa ta' sodisfazzjon għall-Kunsill li jisma' u jservi lir-residenti b'mod dirett, fejn ikun possibbli u fl-aħjar interess tal-komunità kollha.

***Il-Kunsillier Galea telaq mil-laqgħa fit-8:00 p.m. minħabba impenji personali.***

**24.09 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

24.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**24.10 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

24.10.01 Irċevejna korrispondenza mingħand Adrian Mifsud rigward il-*Board Meeting – Architect Tender Evaluation*, fejn indika li huwa disponibbli nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2026 wara s-2:00pm. Is-Sindku, is-Sinjura Grace Marie Zerafa, ipproponiet li minħabba li l-ġurnata taħbat ma' Jum id-Duluri, il-laqgħa ssir fis-2:00pm eżatt sabiex tintemm sal-4:00pm. Fl-assenza tal-Kunsillier Galea, li flimkien

mal-Kunsillier Ghigo u s-Sindku jifforma parti mill-bord tal-evalwazzjoni, is-Sindku talbet lill-Kunsillier Sciberras jikkonferma jekk ikunx disponibbli jattendi f'każ li Galea ma jkunx jista'. Il-Kunsillier Sciberras ikkonferma d-disponibbiltà tiegħu; madankollu, wara telefonata li saret lill-Kunsillier Galea waqt il-laqgħa, dan ikkonferma li jista' jattendi.

24.10.02 Irċevejna korrispondenza bħala notifika li t-talba għall-manutenzjoni tal-ħajt imwaqqa' fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Baskal Xuereb ġiet irrappurtata lill-*Public Works*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**24.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

24.11.01 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment f'isem diversi residenti, b'mod partikolari anzjani, rigward id-diffikultà biex jaċċessaw it-trasport pubbliku minħabba li l-Pjazza tinsab magħluqa minħabba xogħlijiet li għaddejjin. Huwa staqsa wkoll x'alternattivi jistgħu jiġu kkunsidrati fil-każ li x-xogħlijiet idumu, bħal servizz ta' van dedikat għal dawn ir-residenti. Is-Sindku, qalet li diġà ppruvat tispjega lil diversi residenti dwar is-sitwazzjoni, minħabba li hemm limitazzjonijiet marbuta mal-ispejjeż, peress li Transport Malta mhix ser taċċetta li tkopri dawn l-ispejjeż. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

24.11.02 Il-Kunsillier Ghigo ressaq talba sabiex isir *double yellow line* biswit l-aċċess tar-rampa taċ-ċimiterju, bil-għan li jiġi evitat l-ipparkjar f'dik iż-żona. Is-Sindku talbet lill-istess Kunsillier jipprovdi ritratt biex ikun hemm fehim aktar ċar tas-sitwazzjoni, u indikat li, qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, għandha ssir ukoll konsultazzjoni mal-Kappillan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**24.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/24**

24.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/24 ġiet approvata.

**24.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

24.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' April 2026 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' April 2026.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |